MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2524/2003

**Datatrak Systems Limited**

**vs**

**Sundry Limited gja maghrufa bhala Muscat Servicing Limited (C9297)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1176.20) rappresentanti l-hlas dovut fuq il-"monitoring fee" u l-kiri ta' "AVL Equipment" ipprovduti mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta'l-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 1 ta' Settembru 2003 u bl-imghaxijiet mid-data tal-hurg tal-

fattura sad-data ta'l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-13 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1176.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------